**13 ta' Mejju, 1963.**

**Imhallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A. LL.D., President.**
**Onor. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Matteo Spiteri

*versus*

Leonardo Attard et.

**Alterazzjonijiet Strutturali fil-Fond — Kompetenza — Danni fil-Fond Mikri. Art 10 Kap. 109.**

*Meta fl-art. 10 tal-Kap. 109 jissemghu l-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni, dawn ma humiex dawk biss espressament pattwiti, imma anki dawk indotti mil-liġi, li jidderivaw min-natura tal-kuntratt ta' l-lokazzjoni.*

*Ghalhekk huwa l-Bord li jirregola l-Kera li hu kompetenti li jiehu konjizzjoni tat-talba maghmula mis-sid biex jirriprendi possess tal-fond ghax l-intimat ghamel alterazzjonijiet strutturali fil-fond.*

*Il-kerrej jista jaghmel dawk il-modifikazzjonijiet li jkunu neċessarji jew utili ghall-godiment tal-fond mikri lilu, u ghal bżonnijiet tieghu, taht l-obbligu li jerġa jirrimetti kollox kif kien fit-tarf tal-lokazzjoni, jekk is-sid ikun irid hekk*

*Biex il-kerrej jista jiġi żgumbrat ghax ikkaġuna hsara fil-fond, jehtieġ li l-hsara tkun ta' ċertu entità.*

Il-Qorti, rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Bord li jir-

regola il-Kera biex jiġi awtorizzat jirriprendi posses tal-fond 13, Trieq San Mattew, Qrendi, peress li l-intimati għamlu alterazzjonijiet strutturali u biddlu n-natura tal-fond jew parti minnu bla kunsens tiegħu u għamlu ħsara fl-istess fond;

Rat ir-risposta tal-intimati, li biha qalu li l-Bord ma hux kompetenti biex jieħu konjizzjoni tat-talba, u, mingħajr preġudizzju, li d-domanda għandha tkun miċħuda bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' dak il-Bord tal-15 ta' Frar, 1963, li biha ddikjara ruħu nkomptenti in kwantu t-talba hi bażata fuq l-esekuzzjoni ta' alterazzjonijiet strutturali bla permess tas-sid. u, għal kumplament, ċaħad it-talba — spejjeż bla taxxa. Il-Bord ikkunsidra:

Illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi jieħu lura l-fond fuq il-motivi, *illi l-intimati għamlu alterazzjonijiet strutturali* u biddlu n-natura tal-fond jew parti minnu, mingħajr il-kunsens tagħhom u għamlu ħsara fl-istess fond.

Skond ix-xhieda tar-rikorrent l-intimat bena stalel għall-majjali u kamra fil-bitħa; il-ġjardina qabel kienet tinżergħa. L-intimat ammetta li għamel xi xogħolijiet mingħajr il-permess tas-sid u li ilu ma jaħdem il-ġjardina xi erbgħa jew ħames snin u mħabba f'hekk saret imbalta kollha. Għandu xi ħames jew sitt majjali u jżommhom f'maqjel li diġà kien hemm fil-post. Bena kamra għall-annimali u kċina u sewwa ħajt li kellu ħsara tal-gwerra.

Mill-ispezzjoni tal-Membri Tekniċi tal-Bord irriżulta illi l-kamra li l-intimat bena bħala kċina hija ta' madwar seba' piedi u nofs bi tmien piedi, u l-istalel li semma r-rikorrent huwa maqjel żgħir għal qasqus wieħed ta' xi 7 bi 8 piedi, u

l-intimat dawwar biċċa bitħa miegħu tal-istess daqs b'ħa; baxx. Huwa dawwar ukoll b'ħajt baxx biċċa bitħa oħra ta xi ħdax bi tmien piedi barra mill-maqjel li jifforma part mill-fond.

Il-liġi fl-art. 10 (a) Kap. 109 tagħti l-fakolta lis-sid jitlob illi jieħu lura l-fond lokat f'każ ta' morożità, jew f'ka ta' danni kbar, jew f'każ illi ma jkunux ġew osservati l kondizzjonijiet tal-kiri, jew f'każ ta' użu divers, jew ta' sul lokazzjoni mingħajr permess; it-tlett motivi li fuqhom huwa bażat dan ir-rikors huma alterazzjonijiet strutturali bla per mess, tibdil tal-użu tal-fond jew ta' parti minnu, u ħsara

Issa dwar l-ewwel motiv tal-alterazzjonijiet strutturali ebda prova ma saret illi kien hemm xi diviet da parti tas-sid illi jsiru xi alterazzjonijiet fil-post. Għalhekk għamel x'għa mel l-intimat ma' jistax jingħad illi naqas li jesegwixxi l kondizzjonijiet tal-kirja, u kwindi ma jistax ir-rikorrent jiġ quddiem dan il-Bord u jinvoka d-dispost tal-art. 10 (a) Kap 109. Huwa veru illi skond l-art. 1653 tal-Kodiċi Ċivili l-ker rej ma' jistax waqt il-kiri jagħmel tibdil fil-fond mingħaj il-kunsens ta' sid pero dan jagħti rimedju lis-sid li jmur quddiem il-Qorti Ordinarja u mhux quddiem dan il-Bord Għalhekk għal dak li jirigwarda alterazzjoni strutturali fil fond purament u sempliċement il-Bord ma hux kompetent li jieħu konjizzjoni tal-każ.

Jikkunsidra dwar it-tibdil tan-natura tal-fond illi rri żulta li min dejjem kien hemm maqjel fil-post; u la darba kien hemm maqjel fil-post—l-intimat kellu d-dritt jużah u ma biddelx in-natura tal-fond billi żied maqjel żgħir ieħor jew għaliex bena kċina jew xi ħitan.

Jikkunsidra dwar l-aħħar kawżali tad-danni illi dawn

skond il-liġi jridu jkunu "kbar". Apparti t-tballit tal-ġjardina ma jistax jingħad illi saret xi ħsara oħra fil-post: il-kumplament, jiġifieri l-bini, huma alterazzjonijiet strutturali li għalkemm ir-rikorrent jista' forsi joġġezzjona in sede oħra, imma ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala danni. Fil-fehma tal-Bord it-tballit tal-ġjardina ma hux dannu konsiderevoli li jaqa' taħt id-dispost tal-art. 10 (a) Kap. 109 anke jekk din il-ġjardina hija pjuttost spazjuża.

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrent Spiteri, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija billi tiddikjara li l-Bord hu kompetenti, u billi tilqa' t-talba tar-rikorrent, bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-intimati appellati li fiha qalu li s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma, u li għalhekk l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

Trattat l-appell.

Ikkunsidrat:—

Ma jidhirx li l-Bord hu nkompetenti kwantu għall-ewwel kawżali (dik relativa għall-alterazzjonijiet) għaliex — kuntrarjament għal dak li jingħad fis-sentenza appellata — meta fl-art. 10 tal-Kap. 109 jissemmgħu l-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni, dawn ma humiex dawk biss espressament pattwiti, imma anki dawk indotti mil-liġi, li jidderivaw min-natura tal-kuntratt lokatizzju, peress li si presume li l-kontrajenti rriferew ruħhom għad-disposizzjonijiet tal-liġi fejn ma stipulawx il-kuntrarju. Għalhekk, l-obbligu li ma jsirux alterazzjonijiet — la darba l-partijiet xejn ma qalu in kuntrarju jeżisti l-istess bis-saħħa tal-liġi kontenuta fl-art. 1653 Kap. 23, oltrekke bis-saħħa tal-obbligu legali (art. 1643 Kap.

23), impost lill-kerej, li jgawdi l-ħaġa mikrija bħal missier tajjeb tal-familja u skond l-użu miftiħem jew preżunt. Il-Bord, per konsegwenza, hu kompetenti li jieħu konjizzjoni ta' domanda simili taħt l-art. 10 tal-Kap. 109 fuq imsemmi.

Ikkunsidrat fuq din l-ewwel kawżali.

It-tibdiliet li saru fil-fond huma dawn (relazzjoni tal-membri tekniċi tal-Bord): fil-bitħa, l-intimat bena kamra żgħira għad użu ta' kċina. Fil-ġardina, annessa mal-fond, hu bena maqjel żgħir għal qasqus wieħed — dak il-maqjel hu ta' tmien piedi b'sebgħa, u ġie mdawwar b'biċċa bitħa tal-istess daqs b'ħajt baxx; — dawwar b'ħajt baxx biċċa bitħa oħra ta' xi ħdax u tmien piedi madwar maqjel, li jifforma parti mill-fond;

Issa (oltre l-obbligu taħt l-art. 1643 fuq imsemmi), l-art. 1653 fuq ċitat jiddisponi li l-kerrej ma' jistgħax jagħmel tibdil bla kunsens tas-sid. Għap-propożitu ta' kambjamenti simili, **il-Laurent** Vol. XXV — para 253 jgħid li lill-kerrej ma hux inibit li jagħmel kwalunkwe modifikazzjoni, b'mod li hu jista' jagħmel dawk il-modifikazzjonijiet li jkunu neċessarji jew utili għal godiment tiegħu u għal bżonnijiet tiegħu, taħt l-obbligu li jerġa' jirrimetti kollox in pristino fit-tarf tal-lokazzjoni jekk is-sid ikun irid hekk. Ikompli jgħid "Questa interpretazzjoni della regola è tradizionale, e la consuetudine è conforme alla dottrina", u jiċċita in kalċe l-parir konformi tad-**Duranton**, tad-**Duvergier**, u tad-**Dalloz**. **Il-Paċifiċi Mazzoni**, Locaz. No. 116 (ċitat fis-sentenza Collez. Vol. XXV — I — p. 206 — 221) jirrileva b'aktar preċiżżjoni li l-kambjamenti parzzjali jistgħu jitqiesu permessi "Quando la cosa in se stessa e nel suo assieme rimane sempre impiegato all'uso determinato nel contratto quando l'inquilino si dichiara pronto a rimetter le cose nel loro pristino stato

prima che il contratto finisca." Fis-sentenza issa ċitata ġie opportunament osservat illi "Non si può a **priori**, od in linea di massima, stabilire quali modificazioni, apportate dal conduttore alla cosa locata, sieno legittime o meno; bisogna avere riguardo *alle particolari circostanze del caso. . . .*" Dawn l-insenjamenti ġew ribaditi bil-limitazzjonijiet opportuni fis-sentenza l-oħra ta' din il-Qorti Prof. Galea vs. Grech, (7 April 1961), u anki qabel fis-sentenza Cauchi vs. Borg (3 Ott. 1958) għalkemm f'dan il-każ ġiet imposta, stante iċ-ċirkostanzi, l-garanzija mill-parti tal-konduttur li jirrimetti l-fond fl-istat pristinu."

Issa din il-Qorti taħseb li fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ — karattru tal-fond, lokalita, konsistenza tiegħu, mestier tal-konduttur, xorta u entita tal-alterazzjonijiet — ma hemmx lok *rebus sic stantibus* għas-sanzjoni *tal-liġi* tal-Kera (art. 10 (a) Kap. 109), invokata mir-rikorrent, li fir-rigur tagħha aktarx tippostula alterazzjonijiet ta' vera entita, li jiżnaturaw id-destinazzjoni tal-fond.

**Kwantu għal kawżali tal-ħsara.**

Ikkunsidrat:

Emerġa mill-provi bħala fatt li l-ġardina tinsab imbalta. L-istess intimat, jgħid "Ili ma naħdem il-ġardina xi erba' jew ħames snin, u minħabab f'hekk saret imbalta *kollha*." Din hi ġardina tal-kejl ta' żewġ siegħan ċirka — ċioe, xi għaxar jardi wiesgħa u xi tlieta u għoxrin jarda fond. Ma jirriżultax mill-provi li din hija xi ġardina li kellha xi siġar jew pjanti fruttijiet jew li dawn ġew estirpati, imma biss li kienet tinħadem.

Issa, fit-test ingliż tal-liġi, tintuża l-espressjoni "consi-

derable damage" u, fit-test Malti, "ħafna ħsara" vwoldiri, li biex il-kerrej jista' jiġi żgumbrat, jeħtieġ li l-ħsara tkun ta' ċerta entita. Ċertament wieħed mill-kriterji li jeskludi din l-entita jista jkun dak tal-faċili riparabilita tad-dannu. Issa, fil-każ in ispeċje, għalkemm l-art tal-ġardina tinsab fl-istat fuq aċċennat, eppure jkun relativament faċili li jiġi eventwalment rimedjat u li terġa tinħadem. Ma jidhirx, għalhekk, li jista' jingħad li hemm dik il-ħsara **konsiderevoli** li tagħti lok għar-rimedju estrem provdut fil-każijiet kongruwi mill-art. 10.

Ikkunsidrat:—

Ir-riljevi magħmula **supra** jillumeġġaw ukoll li ma kienx hemm tibdil tad-destinazzjoni tal-fond jew li ġie żnaturat l-użu tiegħu bit-tibdil fuq imsemmi jew bit-tballit tal-ġardina.

Għalhekk, tiddeċiedi billi tiprovdi fuq l-appell fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata billi ddikjarat li l-Bord ma hux kompetenti biex jieħu konjizzjoni tat-talba in kwantu bażata fuq il-kawżali ta' l-alterazzjonijiet, u tiddikjara, inveċe, li dak it-tribunal hu kompetenti fis-sens tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula — bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, relativi għal dan il-kap, kontra l-intimat eċċipjent — u tikkonfermaha filli ċaħdet it-talba għar-ripresa ta' possess għal kawżalijiet l-oħra, billi din il-Qorti tiddeċiedi ukoll li ma hemmx lok għar-ripresa tal-fond anki relativament għal kawżali tal-alterazzjonijiet li dwarha l-Bord kien iddikjara ruħu nkompetenti. L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif kienu deċiżi, ċioe bla taxxa (ħlief dawk provduti fuq relativi għal kap tal-inkompetenza). Dawk ta' din it-tieni istanza (ħlief dawk provduti dwar il-kap tal-inkompetenza) jitħallsu mill-appellant.